MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1033/2002/1

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Martin Computers Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' April, 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,222.73) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi oggetti mibjugha u ikkunsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta`konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf, mitejn tnejn u ghoxrin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,222.73), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------